MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1210/2000/1

**George Borg, Sebastian Brincat bħala mandatarju ta' l-imsiefer George Borg, Paul Borg, Carmelo Borg, Antoine Borg, Stanley Borg, Maria Borg u Sebastiano Borg**

***Versus***

**Antonia armla minn Nazzareno Borg**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu illi l-qorti tgħid illi l-konvenuta, li hija l-armla ta' missierhom, tilfet il-jedd ta' użufrutt fuq il-proprjetà tagħhom, imħolli lilha bit-testment tal-missier, għax inqdiet ħażin b'dik il-proprjetà. Waqt li kienet miexja l-kawża l-partijiet waslu għal ftehim ta' transazzjoni u, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2005, talbu illi l-qorti tagħti sentenza skond dak il-ftehim.

Il-qorti għalhekk, wara li rat il-ftehim kif imfisser f'nota illi l-partijiet flimkien ippreżentaw waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru 2005, qiegħda taqta' l-kawża billi tgħid u tordna illi l-pattijiet u l-kondizzjonijiet miġjuba fin-nota jitqiesu u jkollhom seħħ bħala parti minn din is-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet billi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------